

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Fondazzjoni

(2015/C 409/30)

INTRODUZZJONI

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (minn hawn 'il quddiem "il-Fondazzjoni", magħrufa wkoll bħala l-"ETF"), li tinsab f'Turin, ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 ⁽¹⁾ (tfassil mill-ġdid (KE) Nru 1339/2008). Il-kompitu tal-Fondazzjoni huwa li tappoġġa r-riforma tat-taħriġ vokazzjonali fil-pajjiżi msieħba tal-Unjoni Ewropea. Biex tagħmel dan, hija tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' diversi programmi (eż. IPA, FRAME, GEMM) ⁽²⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Fondazzjoni. Dan huwa s-supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xoġhol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, li jinkludu r-rapporti finanzjarji ⁽³⁾ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁴⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-maniġment

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi ⁽⁵⁾:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur japprova l-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun ħejjiehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Fondazzjoni fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

⁽¹⁾ ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

⁽²⁾ L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

⁽⁵⁾ L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

⁽⁶⁾ Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

Ir-responsabbiltà tal-awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ⁽⁷⁾ b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolti t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolti wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tħejija ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Fondazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE ⁽⁸⁾.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA

11. Il-kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2013 kienu għoljin għat-Titolu I (15,9 %) u għat-Titolu II (7,6 %) li jindikaw stimar eċċessiv tal-ħtiġijiet finanzjarji.

12. Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien għoli flivell ta' 99,9 %. Il-livell ta' approprjazzjonijiet impenjati riportati għall-2015 kien għoli għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) flivell ta' EUR 0,75 miljun, jiġifieri 36,2 % (2013: EUR 0,55 miljun, jiġifieri 30 %). Ir-raġuni prinċipali kien xiri ppjanat li sar fi tmiem l-2014 għat-tiġdid ta' għamara għall-uffiċċji (EUR 0,37 miljun), software (EUR 0,14 miljun) u hardware (EUR 0,1 miljun).

KUMMENT IEĦOR

13. Fl-2005 dahl fuq fis-seħħ Regolamenti tal-Persunal tal-UE ġodda, inklużi dispożizzjonijiet li r-rimunerazzjonijiet futuri ta' uffiċjali reklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 ma għandhomx ikunu anqas milli taħt ir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE preċedenti. L-awditu tal-Qorti żvela li ma kienx hemm konformità ma' dan u, fil-każ ta' 2 mis-96 aġent temporanju impjegat f'dak iż-żmien, dan wassal għal pagament insuffiċjenti totali ta' EUR 14 745 (spiża tas-salarji għall-ETF) għall-perjodu mill-2005 sal-2014. Il-Fondazzjoni għamlet il-pagamenti supplimentari tas-salarji f'Ġunju 2015.

SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SENA PREĊEDENTI

14. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-sena preċedenti tingħata fl-Anness I.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Dan ir-Rapport għe adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

ANNEX I

Segwitu għall-kummenti mis-sena preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (lkkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2013	Fi tmiem l-2013, il-Fondazzjoni kellha EUR 7,5 miljun f'kontijiet f'bank wieħed bi klassifikazzjoni tal-kreditu baxxa (F3, BBB).	Għadha għaddejja (ammont imnaqqas għal EUR 1,8 miljun)

ANNEX II

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 166(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fil-qasam tal-formazzjoni vokazzjonali.</p>
<p>Kompetenzi tal-Fondazzjoni</p> <p>(Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90)</p>	<p>Għan</p> <p>— Li tikkontribwixxi, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, sabiex ittejjeb l-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi li ġejjin: il-pajjiżi eliġibbli għall-appoġġ taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 u r-Regolament Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u taħt atti ġuridiċi relatati sussegwenti; pajjiżi oħra nominati mid-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija fuq il-bażi ta' proposta appoġġata minn żewġ terzi tal-membri tiegħu u opinjoni tal-Kummissjoni, u koperti minn strument tal-Unjoni jew ftehim internazzjonali li jinkludi element ta' żvilupp tal-kapital uman, u sa fejn jippermettu r-riżorsi disponibbli.</p> <p>— Għall-fini tar-Regolament Fundatur tal-ETF, "l-iżvilupp tal-kapital uman" għandu jkun definit bħala ħidma li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tul il-ħajja tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-individwu permezz tat-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.</p> <p>Kompiti</p> <p>Għall-fini li jinkiseb l-għan, il-Fondazzjoni, fil-limiti tas-setgħat mogħtija lill-Bord tat-Tmexxija, u filwaqt li ssegwi l-linji gwida ġenerali stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, għandha jkollha l-funzjonijiet li ġejjin:</p> <p>— l-għoti ta' informazzjoni, ta' analiżi tal-politika u ta' pariri dwar kwistjonijiet ta' żvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi msieħba;</p> <p>— il-promozzjoni tal-konnoxxenza u l-analiżi tal-ħtiġijiet ta' kompetenzi fis-swieq tax-xogħol nazzjonali u lokali;</p> <p>— appoġġ lill-partijiet interessati rilevanti fil-pajjiżi msieħba fil-bini tal-kapaċità fl-iżvilupp tal-kapital uman;</p> <p>— faċilitazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni u l-esperjenza fost id-donaturi involuti fir-riforma tal-iżvilupp tal-kapital uman fil-pajjiżi msieħba;</p> <p>— appoġġ fit-twassil tal-assistenza tal-Unjoni lil pajjiżi msieħba fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman;</p> <p>— disseminazzjoni ta' informazzjoni u thegħig tan-netwerking u tal-iskambji ta' esperjenza u prassi tajba bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba u fost il-pajjiżi msieħba dwar kwistjonijiet tal-iżvilupp tal-kapital uman;</p> <p>— kontribut, fuq talba tal-Kummissjoni, lejn l-analiżi tal-effikaċja globali tal-assistenza ftahriġ lill-pajjiżi msieħba;</p> <p>— it-twettiq ta' kompiti oħra skond kif jiġi miftiehem bejn il-Bord tat-Tmexxija u l-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas ġenerali ta' dan ir-Regolament.</p>
<p>Governanza</p>	<p>Bord tat-Tmexxija</p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.</p> <p>Tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p>

	<p>Tliet esperti li ma jivvutawx maħtura mill-Parlament Ewropew.</p> <p>Addizzjonalment, tliet rappreżentanti tal-pajjiżi msieħba jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>Awditu estern</p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p>Awditu intern</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS).</p> <p>Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p>Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni fl-2014 (2013)</p>	<p>Baġit fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>Irċeviet EUR 21,4 (22,0) miljun għal impenji u pagamenti, li minnhom:</p> <p>Kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 20,2 miljun li tikkonsisti fi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — EUR 20,1 (20,1) miljun iffinanzjati permezz ta' kontribuzzjoni mill-UE — EUR 14 552,88 (0) f'imgħax iġġenerat fuq il-kontribuzzjoni mill-UE. <p>Kontribuzzjonijiet oħra:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Sussidju ta' EUR 1,1 (1,8) miljun mis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea għall-proġett FRAME (Numru tal-Ftehim tad-DĠ ELARG 2013/316-651) u għall-proġett GEMM (numru tal-kuntratt ta' għotja tad-DĠ DEVCO ENPI/2012/302-153) — EUR 314,66 (1 081,20) f'imgħax iġġenerat fuq il-kontribuzzjoni mill-Italian Trust Fund (Fond Fiduċjarju Taljan) — EUR 124 924,46 (14 946,19) fi dħul mixxellanju (infiq irkuprat). <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</p> <p>94 (96) post temporanju fit-tabella tal-persunal, li minnhom 92 (92) post okkupat.</p> <p>41 (40) membru ieħor tal-persunal (persunal lokali, persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati)</p> <p>Total tal-persunal: 133 (132), assenjati għad-dmirijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operazzjonali: 76 (76,5) — kompiti amministrattivi: 28 (28) + 2 mill-grupp ta' sostituzzjoni tal-ETF skont il-ħtieġa — kompiti ta' koordinazzjoni korporattiva u ta' komunikazzjoni: 27 (25,5).
<p>Prodotti u servizzi pprovduti matul is-sena finanzjarja 2014 (2013)</p>	<p>Attivitajiet</p> <p>Il-Fondazzjoni tikkontribwixxi, fil-kuntest tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, għat-titjib tal-iżvilupp tal-kapital uman (HCD) fi 30 Pajjiż Imsieħeb iddeżinjat bir-regolament u l-Bord tat-Tmexxija tagħha. L-attivitajiet prinċipali huma l-appoġġ tal-politiki u l-proġetti tal-UE, il-provvediment ta' analiżijiet ta' politika, id-disseminazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza u l-appoġġ għal bini tal-kapaċità tal-pajjiżi msieħba.</p>

Il-valur miżjud tal-Fondazzjoni ġej mill-bażi ta' konossenza stabbilita tagħha li hija newtrali, mhux kummerċjali u unika u li tikkonsisti minn kompetenza esperta fl-iżvilupp tal-kapital uman u r-rabtiet tagħha mal-impjeg. Dan jinkludi kompetenza esperta fl-adattament tal-approċċi għall-iżvilupp tal-kapital uman fl-UE u fl-Istati Membri tagħha għall-kuntest tal-pajjiżi msieħba.

Il-Programm ta' Ħidma 2014 tal-ETF jidentifika 19-il riżultat korporattiv li jikkontribwixxu għat-titjib tal-iżvilupp tal-kapital uman f'pajjiżi tal-veċinat. Dawn ir-riżultati orjentati lejn l-impatt kienu ffurmati mir-rwol tal-ETF fil-projezzjoni tad-dimensjoni esterna tal-politiki u l-istrumenti tal-UE relatati ma' ħiliet biex tappoġġa l-UE bħala attur globali.

L-ambjent dinamiku li fih jopera l-ETF, b'kuntesti tal-pajjiżi msieħba u prijoritajiet tal-UE dejjem jevolvu, kien jirrikjedi, bħal dejjem, livell għoli ta' flessibilità fl-aġġornament u l-aġġustament kontinwi tar-riżultati mistennija. Il-kuntest tal-2014 kien affetwat b'mod partikolari minn instabbiltà politika kontinwata fin-Nofsinar u fil-Lvant tal-Mediterran, u fl-Ewropa tal-Lvant minħabba l-kriżi militari fl-Ukrajna.

F'konformità mal-Perspettiva ta' Nofs it-Terminu 2014 – 17 tal-ETF, ir-riżultati tal-2014 iressqu tliet għanijiet strateġiċi korporattivi: (1) ir-rinforz ta' analiżi tal-politika tal-ETV (Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali) ibbażata fuq l-evidenza; (2) il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-ETV f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja; (3) iż-żieda tar-rilevanza tal-provvediment ta' ETV.

It-tabella li ġejja turi r-rata ta' kkompletar tar-riżultati skont l-azzjonijiet u l-outputs miksuba taħt kull għan strateġiku.

L-għanijiet strateġiċi ta' nofs it-terminu għall-2014-17 u l-għanijiet annwali għall-2014	% ikkompletat fl-2014
<u>Għan strateġiku 1:</u> Ir-rinforz ta' analiżi tal-politika tal-ETV ibbażata fuq l-evidenza	88 %
<u>Għan annwali 1:</u> Li tirrinforza l-kapaċità ta' analiżi tal-politika f'pajjiżi msieħba fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman	
<u>Għan strateġiku 2:</u> Il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-ETV f'Perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja	94 %
<u>Għan annwali 2:</u> Li tappoġġa lil pajjiżi msieħba fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-ETV f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja – inklużi l-governanza fuq diversi livelli u l-garanzija tal-kwalità.	
<u>Għan strateġiku 3:</u> Iż-żieda tar-rilevanza tal-provvediment tal-ETV fir-rigward tas-suq tax-xogħol, il-koeżjoni ekonomika u soċjali	92 %
<u>Għan annwali 3:</u> Li żżid ir-rilevanza tal-provvediment tal-ETV permezz ta' approċċi innovattivi – kwalifiki u sistemi ta' kwalifika, it-tagħlim u l-istruzzjoni fl-ETV, l-impjeg u l-impjegabbiltà, id-dimensjoni tal-ħiliet tal-migrazzjoni u l-mobbiltà u t-tagħlim intraprenditorjali u ħiliet ta' intrapriża.	
Rata ta' kkompletar	91 %

Minbarra l-ikkompletar tar-riżultati tal-2014, l-ETF wasslet ukoll tmien outputs korporattivi ulterjuri mill-Programm ta' Ħidma 2013 tagħha li jirriżultaw minn bidliet fl-ambjent tagħha. Dawn l-outputs irrappreżentaw 6 % xogħol addizzjonali tal-ETF fl-2014. Dan iwassal għal rata ta' kkompletar kumplessiva ta' 97 % meta ssir referenza għall-interventi tal-ETF fil-pajjiżi msieħba.

Fl-2013 ir-rata ta' kkompletar meta mqabbla mal-outputs kienet ta' 144 fuq 152, li tirrappreżenta **94,73 %**.

Konferma ulterjuri tal-prestazzjoni tajba ħafna tal-ETF u tal-valur tal-kontribut tagħha għall-UE bħala attur globali hija d-domanda dejjem tiżdied għall-appoġġ mill-ETF għal assistenza fir-relazzjonijiet esterni tal-UE. Fl-2014 l-ETF irċeviet u mmaniġġjat total ta' 82 talba għal assistenza minn servizzi tal-UE fi kwartieri ġenerali u minn Delegazzjonijiet tal-UE, meta mqabbla ma' 78 fl-2013. Fil-kuntest tal-programm ta' ħidma 2014 tagħha, il-Fondazzjoni wieġbet ukoll għal talbiet diretti mill-Kummissjoni Ewropea matul is-sena.

	2014	2013
Talbiet mill-Kummissjoni li għadhom għaddejja	82	78
% tat-Talbiet indirizzati lill-pajjiżi fl-Ewropa tax-Xlokk u t-Turkija	34 %	38 %
% tat-Talbiet indirizzati lill-pajjiżi fi-Nofsinhar u fil-Lvant tal-Mediterran	42 %	28 %
% tat-Talbiet indirizzati lill-pajjiżi fl-Ewropa tal-Lvant	17 %	18 %
% tat-Talbiet indirizzati lill-pajjiżi fl-Asja Ċentrali	7 %	15 %

Sors: Anness ipprovdut mill-Fondazzjoni.

IR-RISPOSTA TAL-FONDAZZJONI

11. L-ETF tirrikonoxxi l-kummenti tal-QEA dwar il-kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2013. Dawn il-kanċellazzjonijiet, fost oħrajn, kienu prinċipalment dovuti għal dewmien mhux mistenni u kwistjonijiet mhux previsti dwar il-persunal. L-ETF diġà tjebet b'mod konsiderevoli meta mqabbla mal-2012 (21,87 % ikkanċellat fit-Titolu 1) u tiżgura l-isforzi kontinwi tagħha biex issaħħa l-ippjanar u l-monitoraġġ finanzjarju.

12. L-ETF tirrikonoxxi l-kumment tal-QEA dwar il-livell relattivament għoli ta' approprjazzjonijiet riportati għat-Titolu II. Dan hu sempliċement minħabba li l-ETF trid tottimizza l-użu tal-baġit tagħha (il-prinċipju ta' effikaċja) u għaldaqstant ġew konklużi numru ta' tranżazzjonijiet fi tmiem is-sena. Barra minn hekk, diversi fornituri baġtu l-fatturi tagħhom tard, iżda dan mhuwiex fil-kontroll tal-ETF. L-ETF se tkompli l-isforzi dejjiema tagħha biex tnaqqas riporti futuri.

13. L-ETF analizzat u infurmat lill-Qorti dwar ħlasijiet ta' salarji addizzjonali relatati ma' karrieri tranżitorji. L-ammont identifikat għall-ETF mhuwiex materjali u fil-fatt m'hemmx hteġa għal aġġustament tal-kontijiet.
